MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2001

Numru 651/2001

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 30 ta' Ottubru 2001.**

**Pulizija**
**Spettur Mario Bonnici**

**Vs**

**Ryan Fenech**
**Yonas Leguesse**
**Dirk Scerri**
**Andre' Karl Camilleri**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ryan Fenech ta' 16-il-sena, iben Alfred u Antoinette nee' Fenech imwieled Pieta' nhar id-19 ta' Gunju 1985 u residenti gewwa Block B3, Flat 3, H.E., Ta' Xbiex, numru tal-karta tal-identita' 317385M;

Kontra Yonas Leguesse, ta' 13 il-sena, iben Samson u Josephine nee' Vella, imwieled Pieta' nhar it- 12 ta' Settembru 1987, residenti fil-fond numru 4, Sqaq Sant Elia, Tas-Sliema u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 414287 (M);

Kontra Dirk Scerri, ta' 14-il-sena, iben Martin u Gerda nee' Cauchi, imwieled il-Pieta' nhar l-24 ta' April 1987, residenti gewwa fond numru 11, "Oakhill apartments", Sicluna Street, St. Julians,  detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 210187 (M),

U kontra Andre' Karl Camilleri, ta' 14-il-sena, iben John u Grace nee' Farrugia mwieleda Haz-Zabbar nhar l-10 ta' Marzu 1987 residenti gewwa "G.T. Court", numru 23, Resort Street, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 164087 (M);

a) Talli nhar il-Hadd 19 ta’ Awissu 2001, ghall-habta ta’ l-erbgha u nofs ta’ wara nofs inhar, minn hdejn il-bahar gewwa Tigne, ikkommettew serq jew kienu komplici fis-serq, ta’ basket li kien jikkontjeni “mobile phone” ta’ ghamla Nokia, ktieb bit-Taljan u oggetti ohra ghad-detriment ta’ persuna mhix mgharufa, liema oggetti ghandhom valur globali ta’ ingas minn mitt lira maltin (Lm100).

Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi u fil-hinijiet ta’ wara xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Wara illi rat l-Artikoli 261 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmija imputati hatja ta’ kif akkuzati mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, qeghda tilliberahom bil-kondizzjoni li ma’ jaghmlux reat iehor fiz-zmien tlett (3) xhur mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------